MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Artikolu 298(1)(f), 298B(1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 120/92.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**
**V**

**DAVID BUHAGIAR**

**Seduta ta' llum, 21 ta' Jannar, 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DAVID BUHAGIAR** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Joseph u Vincenza nee Baldacchino, imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru, 1978 u joqghod 11, Triq Zamit Clapp, Pieta, detentur tal-Karta tal-identita` numru 481078(M) gie mressaq quddiemha u

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-disgha w ghoxrin ta' Ottubru, 2002 u fiz-zmien ta' qabel fil-Birgu, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghal bejgh, jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbha b'qerq u cioe video cassettes;

2. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe soft ware tal-computers bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom s-socjeta Patrick J. Galea Advocates rappresentata minn Dottor Patrick Galea LL D et hija rappresentanti, protetti bil jew taht l-ligi ta' Malta;

3. talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta nhar l-hdax ta' Ottubru, 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u b'hekk tqis li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti kif wkoll li l-imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Novembru, 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta ta' llum l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar, 2002 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebiti lilu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni sa mill-bidu nett u cioe meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu esibita fl-atti bhala dokument CSH 4.

Rat li din il-kawza si tratta fuq hamsa w tmenin counterfeit cassettes.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 298(1)(f), 298B(1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 120/92.

**Ghalhekk tiddikjara li qed ssib lil imputat DAVID BUHAGIAR hati tal-akkuzi fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira maltin liema multa ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Jannar, 2003 u dan ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ghar-rigward t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li rat li l-ebda espert ma gie mahtur tul l-kumpilazzjoni, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

Oltre dan tordna l-konfiska tal-oggetti esibiti llum formalment fl-atti markati bhala dokument CSH 7 favur il-Gvern ta' Malta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------